Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru. 529/98
Kawza Numru. 6

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Mario Gatt ta' 39 sena iben Emanuel u Beatrice xebba Attard li joqghod 'Greta' Triq Michele Busuttil, Rabat , Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 46159 G)**
**u**
**Ronnie Gatt ta' 24 sena iben Emanuel u Beatrice xebba Attard li joqghod Nru 30, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 17974G)**
**u**
**Raymond Gatt ta' 37 sena iben Emanuel u Beatrice xebba Attard li joqghod 'Sardonixe' Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 30861G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli nhar it-3 t'Awissu 1998 ghall-habta tas-7:30 p.m. waqt li kienu Ras il-Qala, limiti tal-Qala, (1) ingumbraw triq bil-vetturi CBD 558 u EBB 549, (2) aktar talli naqsu li jobdu l-ordnijiet tal-pulizija li kienu nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx, jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, (3) aktar talli Mario Gatt qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, (4) aktar talli bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, ingumbraw l-passagg liberu bil-vetturi hawn fuq imsemmija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Semghet il-provi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi f'din il-kawza, sia dawk konsistenti f'depozizzjonijiet kif ukoll f'dokumenti esebiti huma formanti parti minn kawzi ohra kontra l-imputati u persuni ohra u cioe` "Il-Pulizija -vs- Mario Gatt", "Il-Pulizija -vs- Joseph Grima", "Il-Pulizija -vs- Raymond Gatt", "Il-Pulizija -vs- Raymond Gatt" u "Il-Pulizija -vs- Raymond Gatt u Mario Gatt", ilkoll decizi minn din il-Qorti llum;

Illi dawn l-akkuzi kienu addebitati kontra l-imputati wara ncident li sehh f'Ras il-Qala, limiti tal-Qala f'passagg li l-imputati jghidu li jappartjenu lilhom meta l-parti l-ohra tghid li l-istess passagg huwa pubbliku u sahansitra tifforma parti mit-triq tal-Qala li allura ghandu access liberu ghalih il-pubbliku;

Illi ghalhekk jehtieg li l-ewwel tkun deciza ir-raba' akkuza;

Illi fl-ezami ta' materja dwar raggion fattasi, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali (17 ta' Frar 1995 fl-ismijiet "Il-Pulizija -vs- Carmel maghruf bhala Charles Farrugia") kienu elenkati erba' elementi kostituttivi li jistghu jwasslu ghas-sejbien ta' htija u cioe`:

1. Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor.

2. Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt.

3. Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di *privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew fi kliem il-Crivellari, il-Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol VI Pagna 749, **"la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato"**).

4. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Il-Qorti ezaminat l-provi kollha mressqa fl-isfond ta' din id-decizjoni u jirrizulta illi l-awtoritajiet iridu icahhdu lill-imputati minn dritt li huma dejjem emmnu li kellhom minn mindu akkwistaw l-art mertu ta' l-akkuza;

Il-Qorti hi tal-fehma illi ghalhekk ir-raba' akkuza mhix pruvata u ma ssibx lill-imputati hatja kwantu din ir-raba' akkuza u tilliberahom minnha;

Dwar l-ewwel u t-tieni akkuzi, isegwi mill-konsiderazzjonijiet fuq ir-raba' akkuza illi fil-hin ta' l-incident l-imputati kellhom l-intenzjoni li qieghdin jingumbraw it-triq privata taghhom, ghalhekk ma ssibhomx hatja u tilliberahom;

Issib lil Mario Gatt hati izda tat-tielet akkuza;

Wara li rat l-artikolu 339 (bb) tal-Kap 9;

Tikkundanna lil Mario Gatt ghall-hlas ta’ ammenda ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15).

---------------------------------TMIEM---------------------------------